**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 733/19**

**Illum, 15 ta' Novembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza migjuba kontra -Omissis- detentrici tal-karta tal-identita' numru -Omissis- akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer matul is-sena 2012 b'ghemil zieni, ikkorrompiet lill-kugin taghha -Omissis- imwieled fis—omissis-

Art 203(1)(a)(c) ta’ Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe’ l-Artikoli 203(1)(a)(c) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-akkuza kif dedotta kontra taghha u kkonfermat tali ammissjoni anke wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex ikun tista’ tirregola ruhha.

Stante ammissjoni tal-imputata u stante li fiz-zmien meta sar ir-reat l-imputata kienet ghadha minorenni u wara li rat il-fedina penali tal-imputata li hija wahda netta, il-Qorti qed issib lill-imputata -Omissis- hatja tal-akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**